**A.L. 70 ta' l-2003**

## ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (KAP. 171)

### Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 16 u 17 ta' l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, f'konsultazzjoni ma' l-Awtorita' Marittima ta' Malta u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port, hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali", u għandhom jidħlu fis-seħħ f'dak il-jum li l-Ministru jista' b'avviż jordna fil-Gazzetta. Titolu u bidu fis-seħħ. A.L. 90 ta' l-1993.

**2.** Minflok ir-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:- Jissostitwixxi r-regolament 43 tar-regolamenti prinċipali.

"43. (1) Ħaddiem tal-port li jkun ħaddiem tal-port reġistrat fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, jew f'xi data wara, għandu jirċievi gratwita' għar-rigward ta' kull sena servizz, jew parti minnha, li għandha tiġi kalkolata mill-4 ta' April 1973.

(2) Il Ministru, wara li jikkonsulta lill-Kumitat, jista' għall-fini ta' dan ir-regolament, jawtorizza li ammonti tal-bidu u ta' kull sena jiġu investiti għand Kumpannija ta' l-Assigurazzjoni li jkollha riputazzjoni tajba bil-għan li jingħataw dawk il-gratwitajiet lill-ħaddiema tal-port.

(3) Il-ħlas ta' dik il-gratwita' għandu jsir mill-Kumitat f'xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin:-

(i) lil ħaddiem tal-port li jilħaq l-eta' tal-pensjoni, jew

(ii) lil ħaddiem tal-port li jkollu r-reġistrazzjoni tiegħu imħassra mid-Direttur, jew

(iii) lill-werrieta ta' ħaddiem tal-port li jmut filwaqt li huwa jkun hekk reġistrat.".

**L.N. 70 of 2003**

## PORT WORKERS ORDINANCE
## (CAP. 171)

### Port Workers (Amendment) Regulations, 2003

IN exercise of the powers conferred by articles 16 and 17 of the Port Workers Ordinance, the Minister for Transport and Communications in consultation with the Malta Maritime Authority and in concurrence with the Minister of Finance has made the following regulations:-

Citation and commencement.

L.N. 90 of 1993.

**1.** The title of these regulations is the Port Workers (Amendment) Regulations, 2003 and they shall be read and construed as one with the Port Workers Regulations, 1993, hereinafter referred to as "the principal regulations", and shall come into force on such day as the Minister may by notice prescribe in the Gazette.

Substitutes regulation 43 of the principal regulations.

**2.** For regulation 43 of the principal regulations there shall be substituted the following:-

"43. (1) A port worker who is a registered port worker on the date of the coming into force of this regulation, or subsequently, shall receive a gratuity in respect of each year of service, or part thereof, to be reckoned as from the 4th April 1973.

(2) The Minister, after consultation with the Committee, may for the purpose of this regulation, authorise that initial and yearly amounts be invested with a reputable Assurance Company for the purpose of the provision of such gratuities to port workers.

(3) The payment of the said gratuity shall be made by the Committee in any one of the following circumstances:-

(i) to a port worker who reaches retirement age, or

(ii) to a port worker whose registration is cancelled by the Director, or

(iii) to the heirs of a port worker who dies whilst being so registered.".